

# Eroj Qrendin ftit magħrufa



**informazzjoni miġbura minn David Schembri**

Fl-14 ta' April 1942, ajruplan ingliż fi triqtu lura minn bumbardament fuq il-flotta navali Taljana, iġġarraf ftit il-barra mill-Blue Grotto wara ħsara li saritlu waqt konfront ma' ajruplani tal-għadu.

L-ajruplan Ingliż tat-tip Bristol Beaufort, imtajjar mill-pilota il-Kaptan Belfield mill-Air Force Ingliża, ġarrab ħsarat sostanzjali wara li kien segwit u attakkat minn ajruplan *fighter* Ġermaniż tat-tip *Messerschmitt* Me109, imtajjar mil-Logotenent Herbert Rollwage.

L-ajruplan Ġermaniż kien qiegħed fuq ronda tal-inħawi, u fejn f'dik l-istess ġurnata rnexxielu jwaqqa' total ta' żewg aruplani Bristol Beauforts ftit minuti bogħod minn xulxin.

Il-Pilota Ġermaniż il-Logotenent Herbert Rollwage ingħaqad mal-Luftwaffe Ġermaniża fl-1936, u fejn fir-rebbiegħa tal-1941 ingħaqad mal-iskwadra magħrufa bħala 5./JG 53.

L-ewwel vittorja tiegħu seħħet fl-invażjoni tar-Russja, fejn sal-5 ta' Ottubru ta' dik l-istess sena Oberleutnant (issa promoss fil-grad) Herbert Rollwage kien diġa' irnexxielu jġarraf ħdax-il ajruplan Russu.

F'Diċembru tas-sena elf disa' mija u wieħed u erbgħin Oberleutnant flimkien mal-iskwadra tiegħu ġew trasferiti lejn il-Mediterran fejn sal-aħħar ta' Ottubru tas-sena ta' wara Oberleutnant, Rollwage kien irnexxielu jġarraf għoxrin ajruplan ieħor tal-Air Force Ingliża, prinċipalment tat-tip Spitfire, ilkoll ibbażati f'Malta.

Mhux magħruf preċiż in-numru ta' ajruplani li rnexxielu jġarraf dan l-eroj Ġermaniz, però li hu żgur huwa illi ġew ikkonfermati li ġarraf total ta' wieħed u sebgħin ajruplan matul is-sitt mija u erba u sittin missjoni tul it-tieni gwerra dinjija.

Bl-ajruplan Ingliż Bristol Beaufort imwaqqa' fil-baħar qrib il-Ħnejja ġewwa l-Blue Grotto mill-Pilota Ġermaniż Herbert Rollwage, l-ekwipaġġ ingliż irnexxielu jaħrabu mill-mewt billi laħqu fetħu id-*dinghy* żgħir tagħhom mill-ajruplan imġarraf qabel dan sab il-qiegħ.

Madanakollu, żewġ sajjieda Qrendin Calcedonio Sciberras (ta' Stizja) u Pawlu D'Amato (ta' Zuta), li raw l-attakk mil-kenn tal-Blue Grotto, urew kuraġġ kbir, u sfidaw l-ajruplani tal-gwerra billi qadfu bid-dgħajsa tas-sajd tagħhom (Nru ta' registrazzjoni 228) fid-direzzjoni tat-tiġrif biex salvaw l-ekwipaġġ.

Xhieda ta' dan kienet dgħajsa oħra, bil-kapural Julian Sciberras u ż-Żurrieqi John Camilleri abbord, li ħarġu minn Wied iż-Żurrieq biex jiltaqgħu mad-dgħajsa tas-sajd l-oħra, u ftit wara trasferew lill-ekwipaġġ ingliż fuq id-dgħajsa tagħhom biex wassluhom l-art.

Dawn iż-żewg Qrendin flimkien ma' dak Żurrieqi involuti f'dan is-salvataġġ tal-piloti Ingliżi, ngħataw



Ritratt fuq in-naħa tal-lemin: juri rikostruzzjoni tal-ajruplan Bristol Beaufort quddiem il-ħnejja tal-Blue Grotto



Kalċ ta' Stizzja (it-Tielet mix-xellug) u missieru Salvu (ir-Raba' mix-xellug)

Il-Pilota Ġermaniż Oberleutnant Herbert Rollwage



Pawlu D'Amato (Ta' Żuta)



HEADQUARTERS,
R. A. F. MEDITERRANEAN,
VALLETTA, MALTA.

*Reference:—* HQMED/5288/2/P.1.

21st April, 1942.

Sir,

The following is a commendation by the Air Officer Commanding, from Royal Air Force Mediterranean Command Routine Orders, on your gallant conduct in rescuing the crew of a Beaufort:-

"On 14th April, 1942, a Beaufort was shot down off the coast. Notwithstanding the fact that enemy fighters were still in the neighbourhood two fishing boats put out and rescued the crew. The Air Officer Commanding places on record the very gallant conduct of the undermentioned in making the rescue under very difficult circumstances.

Calcidon SCEBERRAS John CAMILLERI Paul D'AMATO".

Yours faithfully,

[signature]

Air Vice Marshal,
Air Officer Commanding,
R.A.F. Mediterranean.

Ritratt xellug: Iċ-ċertifikat ta' Air Vice Marshall Commendation

rikonoxximent uffiċjali mill-*Air Vice Marshall Air Officer Commanding, R.A.F. Mediterranean*, għall-aġir nobbli tagħhom f'ċirkostanzi diffiċli.

Calcedonio Sciberras (ta' Stizja), Pawlu D'Amato (ta' Zuta) u John Camilleri, irċievew rikonoxximent addizjonali mil-Logotenent *Governor* D.C. Campbell bħala apprezzament tas-servizz dedikat, u meritevoli ta' dawn it-tlett sajjieda, billi isimhom tniżżel fil-Gażżetta tal-Gvern (Govt. Notice 8958) datata 15 ta' Mejju 1942.

***Episodju ieħor fejn dawn Qrendin u Żurrieqi għamlu ġieħ lil raħal twelidhom bil-kuraġġ li wrew meta tefgħu l-ħajja tagħhom fil-periklu biex salvaw lil ħaddieħor waqt iż-żminijiet koroh tat-tieni gwerra dinjija.***

Source: http//:surfcity.kund.dalnet.se/commonwealth_riley.htm/qrendi, www.luftwaffe.cz/rollwage.html
Ħajr: Possidio Sciberras, Emmanuel Muscat, Simone Farrugia, Ray u David Polidano – Malta Aviation Society


# Seabreeze Hotel

Pretty Bay, Birżebbuġa

Tel: 24 Hours (+356) 21 651256,
21 651499 - 21 651493 Fax: (+356) 21 653898
E-mail: seahotel@maltanet.net

**OPEN TO NON-RESIDENTS** **FULLY AIRCONDITIONED**